MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Numru 217/2000

**Pulizija**
**Spettur Helga Debono**

**Vs**

**Raymond Camilleri**
**Neil Busuttil**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Raymond Camilleri ta’ 43 sena, iben Joseph Camilleri u Maria nee’ Gatt, imwieled Haz-Zebbug fid-19 ta’ Gunju 1957 u

joqghod “Irmond”, Siggiewi Road, Zebbug bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 423357 M;

U kontra Neil Busuttil ta’ 28 sena, iben Joseph Busuttil u Rita Vela Oldham imwieled L-Ingilterra fis-17 ta’ Novembru 1972 u joqghod 24, Triq is-Siggiewi, Zebbut bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 18103A;

Talli bejn l-1 ta’ Frar 1999 u t-12 ta’ Jannar 2000, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, bi ksur ta’ l-Artikolu (18) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:
ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew ta hili, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm2,300 bi hsara ta’ Office Technology limited;

Lil Neil Busuttil wahdu, talli f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta’ Frar 1999 u l-15 ta’ Dicembru 1999 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmul b’rizoluzzjoni wahda:

a) b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm2,000) bi hsara ta’ Office Technology Limited;

b) U talli appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn Lm2,300 fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni,

industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba despositu necessarju u dan ghad-dannu ta' Office Technology Limited liema somma giet fdata jew kkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligi tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat;

Wara illi rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta dwar allegat frodi ta' impjegat fil-konfront ta' l-employer tieghu u dwar komplicita' ta' imputat iehor sabiex din il-frodi ssehh.

Illi wiehed ghandu jhares biss lejn ix-xhieda ta' Neil Busuttil sabiex tigi fermament, stabbilita' r-reita tieghu f'dan il-kuntest. Fix-xhieda "viva voce" tieghu quddiem din il-Qorti, moghtija fis-27 ta' Mejju, 2001, Neil Busuttil jammetti illi:

*"Issa li kien hemm, kien ghad fadal, la naf invoice wahda pendenti minghand Ray Camilleri u jien zidt l-ammont li kien dovut lili fuq dik l-invoice bazikament".*

Illi, meta, wiehed ghandu ammissjoni cara u tonda mil-imputat stess bil-gurament, illi ried ammont ta' flus minnhu pretis mall-invoice tal-mastrudaxxa li kien jikkostwixxi l-kaxxi tal-injam tal-Office Technology.

Illi l-eccezzjoni principali tal-abbli difiza hija, kif intavolata, din l-akkuza ma tistax treggi, il-ghaliex nieqes element essenzjali tar-reat ta' frodi u cioe' *"li ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor",* stante illi l-imputat Neil Busuttil kien

jippretendi illi d-ditta Office Technology kienet debitrici lejh ghall-overtime maghmul u kaxxi tal-injam maghmulha personalment minnu stess.

Illi in sostenn ta' din id-difiza, l-abbli avukat difensur jikkwota diversi sentenzi u cioe':

*Pulizija vs Shiner (Flores 3.3.1956), fejn gie stabbilit illi sabiex ir-reat ta' frodi jissussisti ghandu jigi ppruvat illi l-imputat kien konxju tal-ingustizzja tal-profit. Profit mhux ingust ghax dovut ghax-xoghol li kien ghamel.*

*Pulizija vs Nicholas Farrugia (Muscat Azzopardi, 23.1.91), fejn gie stabbilit illi sabiex ir-reat ta' frodi jissussisti irid ikun hemm il-qliegh ta' skapitu ta' haddiehor.*

*Pulizija vs Charles Zarb (Appell L. Agius 22.2.93) dwar l-ingustizza tal-profitt.*

Illi dina d-difiza kienet tkun wahda accettabbli u ta' success kieku dana d-debitu, allegatament dovut lil Neil Busuttil mill-Office Technology kien debitu konkret u dovut stante, kif kien gie stabbilit fil-kawza:

*"Pulizija vs Ray Debono (25.11.97), "Once debt exists, relationship is a civil one and not a criminal one"*

Illi, izda, jirrizulta sodisfacentement mix-xhieda prodotta ir-rapprezentanza tal-Office Technology (Micallef u Copperstone) illi l-kwistjoni sia ta' l-overtime, kif ukoll il-kwistjoni tal-kaxxi tal-injam maghmula allegatment minn Busuttil, qatt ma kkostitwew issue bejn l-istess Busuttil u d-ditta, kif ipprova jinsinwa Neil Busuttil fix-xhieda tieghu.

Illi jirrizulta sodisfacentement illi l-overtime ‘icclaimjat’ minn Busuttil kien, del kwanto, kontestat mill-Office Technology mill-ewwel li kien gie mitlub minn Busuttil. Mhux hekk biss, izda sahansitra ingiebet xhieda in kontestazzjoni ta’ dan l-overtime mill-Office Technology anke f’dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta, wkoll, sodisfacentement illi l-kaxxi tal-injam allegatament maghmulha mill-imputat Busuttil qatt ma instabu fil-premises tad-ditta jew hekk xhed bil-gurament rapprezentant tal-Office Technology, waqt dawn il-proceduri (Copperstone) u kienet propja din il-mankanza ta’ kaxxi tal-injam illi tat lok ghall-ewwel suspetti kontra l-imputat Busuttil. Illi anke Busuttil, fix-xhieda tieghu, jsemmi Okkazzjoni wahda biss fejn dan ix-xoghol tieghu extra tal-kaxxi ta’ injam gie minnhu diskuss ma’ Anthony Micallef is-superjur dirett tieghu. Xejn ma gie konkluz f’din il-laqgha hlief promessa ta’ Micallef *“issa naraw”.*

Illi kwindi, id-difiza ma tistax teccepixxi illi d-debitu kien dovut u, ghalhekk, l-imputat kien gustifikat li ghamel dak li hu stess ammetta li ghamel. Anke, jekk ghall-grazzja tal-argument, dan id-debitu kien wiehed verament stabilit u dovut, anke f’dan il-kaz, ma kienx ikun skuzanti ghal dak li ghamel, ex-admissis, l-imputat Busuttil. Pulizija vs Ray Debono stabilit biss il-principju illi d-debitu jsir affari tal-ligi civili biss meta, jkun verament u, oggettivament dovut, u anke meta dovut, wiehed ma huhiex permess li jiehu il-ligi f’idejh u jiffalsifika “invoice” ta’ terza persuna sabiex jithallas hu. Ir-rimedju tieghu kien wiehed ovvju u ranguggibbli – Il-Qrati Civili appositi.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, l-imputat Neil Busuttil ghandu jinstab Hati.

Fir-rigward ta’ Raymond Camilleri, dawn l-akkuzi ma jistghux ireggu u dan ghal ragunijiet sussegwenti:

1. Illi l-invoice ma inkitbitx minnhu izda mill-imputat Neil Busuttil. Dan ghaliex l-imputat stess jiddikjara illi lill-Busuttil kien jafdah cekament u illi ma tantx kien ta skola. Veru illi Busuttil kien qallu, fil-mument, illi parti mill-flus li kienu ser jidhru fl-invoice kienu tieghu, din il-Qorti ma tistax, wara li semghetu jixhed, tikkredita lil Camilleri, f'dik l-intelligenza normali f'min jaf jikteb. Il-Qorti tippreferi tahseb illi huwa kien kuntent jaghmel pjacir ghall-habib tieghu, stante illi jirrizulta sodisfacentement illi qliegh illegali Camilleri ma' ghamilx. Il-qliegh li ghamel jirrizulta biss li kien ta x-xoghol tieghu konsenjat lil Office Technology.

2. Jirrizulta mhux biss illi l-imputat Camilleri ma ghamilx qliegh illegali, izda anke l-qliegh lilu dovut ghal xogholu fuq il-kaxxi tal-Office Technology gie, unilateralment, minnhu ritornat lill-Office technology illi llum ma jivvantaw l-ebda 'claim' kontra dan l-imputat. Hawnhemm huwa tajjeb illi wiehed japplika dak li gie fermament stabbilit fil-kawzi *"Pulizija vs Schriner, Nicholas Farrugia u Charles Zarb"* dwar qliegh bi hsara ta' haddiehor. Jirrizulta illi anke meta akkonsenta sabiex sabiex il-letterhead tieghu turi bilanc erroneament lilhu mhallas, dawn il-figuri jinkludu verament, dak li kien lilhu dovut bhala xogholhu u kien jinkludi dak li kien qed jippretendi Neil Busuttil li kien lilhu dovut ghal xogholhu. U dana ghamlu il-ghaliex lil Busuttil kien jafdah.

Din il-Qorti ghalhekk qieghed ssib htija fil-konfront ta' l-imputat Neil Busuttil, izda dana biss fl-ammont ta' elf lira maltin (Lm1,000), waqt illi tillibera lill-imputat l-iehor Raymond Camilleri mill-akkuzi lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni.

Rigward piena, fil-konfront ta' l-imputat Neil Busuttil, din il-Qorti qeghda a tenur tal-Artikolu 28H, qeghda tikkundannah ghal sena prigunerija, pero tordna li din is-sentenza ma' tibdix issehh jekk fiz-zmien sitt (6) xhur mil-

lum, l-imputat ihallas l-ammont ta' elf lira maltin (Lm1,000) lid-ditta Office Technology Ltd.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------